**Apprezzament**



In-Nutar <u>VINCENZO MARIA PELLEGRINI</u> Miet fl-1 ta' Ottubru 1997 fil-għomor ta' 86 sena. Kien magħruf bħala poeta u kittieb dwar diversi suġġetti bil-Malti, Ingliż uTaljan, għalkemm kien jaf dversi lingwi oħrajn. Kien ukoll president, editur, u membru f'bosta għaqdiet kulturali. Tul ħajtu dejjem attiv, kiteb għadd konsiderevoli ta' kotba, fi proża,drammi, poeżiji u artikoli li jiffurmaw kolonna mill-patrimonju letterarju tagħna. Dejjem kont issibu fuq quddiem fejn tidħol il-kultura tagħna.Kien ilu membru tal-Għaqda tagħna tal-Folklor, xi żmien fil - kumitat u wkoll sena president fl-1985; wara baqa' bħala wieħed mill-Presidenti Onorarji. Bejn l-1978 u l-1986 ikkontribwixxa wkoll sitt artikoli għall-"Imnara". Il-kontribut tiegħu lill - kultura Maltija qatt ma jkun minsi. Nagħtu l - kondoljanzi lill - familja tiegħu.



<u>ĠUŻI BUONTEMPO</u> Miet fit-12 ta' April 1998 fil-għomor ta' 88 sena. Kien ilu membru ta'l-Għaqda tagħna tal-Folklor, u għal diversi snin ukoll fuq il - kumitat fejn għal xi żmien kien viċ president. Mill-1996 sar Viċi President Onorarju. Kien dejjem ta' nkuraġġiment għalina bl - attendenza tiegħu f' kull attività li nagħmlu,ukoll sa sentejn qabel miet.Kien iħobb ħafna id - drawwiet ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira u L - Għid il - Kbir, l - aktar ta' Bormla L - Isla u L - Birgu, u dwarhom kiteb ukoll fl - "Imnara" fost l- għaxar artikoli li kkontribwixxa bejn l-1983 u l-1992, kollha fuq esperjenzi personali fl-imgħoddi. Nagħtu l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.